MALTA

ATT Nru. XXIII ta' l-1990

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1984 għar-ratifika ta' Trattat ta' Ħbiberija u Koperazzjoni bejn Malta u l-Libja.

ACT No. XXIII of 1990

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Malta-Libya Treaty of Friendship and Co-Operation (Ratification) Act, 1984.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

26 ta' Ġunju, 1990

ATT Nru. XXIII ta' l-1990

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1984 għar-ratifika ta' Trattat ta' Ħbiberija u Koperazzjoni bejn Malta u l-Libja.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor. Att XXII ta' l-1984.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1990 li jemenda l-Att dwar Trattat ta' Ħbiberija u Koperazzjoni bejn Malta u l-Libja, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1984 dwar Trattat ta' Ħbiberija u Koperazzjoni bejn Malta u l-Libja, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att," għandhom jidħlu l-kliem "fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att, u l-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u l-Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari Soċjalista dwar Emendi relattivi għall-istess trattat u ffirmat fid-19 ta' Frar, 1990, liema Ftehim jinstab fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att,".

Skedi li jinsabu ma' l-Att prinċipali.

3. (1) L-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi enumerata mill-ġdida bħala l-Ewwel Skeda.

(2) Minnufih wara l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali kif enumerata mill-ġdid għandha tiżdied din it-Tieni Skeda li ġejja:

"IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 2)

FTEHIM BEJN IL-GVERN TAR-REPUBBLIKA TA' MALTA U L-ĠEMAHIRIJA GĦARBIJA LIBJANA POPOLARI SOĊJALISTA DWAR EMENDI GĦAT-TRATTAT TA' ĦBIBERIJA U KOPERAZZJONI FFIRMAT BEJN IŻ-ŻEWĠ PAJJIŻI FIL-25 SAFAR 1394 D.P. LI TIKKORRISPONDI GĦAD-19 TA' NOVEMBRU 1984

Il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta, wara li fisser ix-xewqa tiegħu li jemenda xi artikli tat-Trattat ta' Ħbiberija u Koperazzjoni bejn Malta u l-Libja iffirmat f'Valletta fil-25 Safar 1394 D.P., li tikkorrispondi għad-19 ta' Novembru 1984,

u l-Ġemahirija l-Kbira Għarbija Libjana Popolari Soċjalista, wara li wieġbet għal din ix-xewqa,

u wara li ż-żewġ naħat eżaminaw id-dispożizzjoni ta' dan it-Trattat,

u fl-implimentazzjoni ta' l-għaxar artiklu ta' l-imsemmi Trattat,

ftehmu kif ġej:

ARTIKLU (1)

It-test tal-preambolu tat-trattat għandu jiġi emendat biex jaqra kif ġej:

"Il-Gvern ta' Malta u l-Ġemahirija l-Kbira Għarbija Libjana Popolari Soċjalista,

b'konferma tar-rabtiet qawwija li jeżistu bejn iż-żewġ pajjiżi u billi jixtiequ jrawmu u jiżviluppaw koperazzjoni f'diversi oqsma fuq is-sisien ta' l-interess reċiproku tagħhom bil-għan li jġibu 'l quddiem il-ġid taż-żewġ popli ħbieb tagħhom;

konxji mill-fatt li l-iżvilupp u l-koperazzjoni jistgħu jiffjorixxu l-aħjar f'atmosfera ta' paċi u sigurtà, u li ż-żewġ pajjiżi jistgħu jkollhom parti pożittiva f'dan ir-rigward, fuq is-sisien taċ-*Charter* tal-Ġnus Magħquda u l-prinċipji ta' non-alinejament;

u sabiex jissottolinjaw il-politika tagħhom li hija mibnija fuq in-newtralità, l-irroftar ta' bażijiet militari barranin fuq it-territorju tagħhom, kif ukoll shubija f'allejanzi militari, u b'konferma ta' l-interess reċiproku tagħhom għas-sigurtà u l-paċi fid-dinja in ġenerali u l-Mediterran b'mod partikolari;

ftehmu kif ġej:".

ARTIKLU (2)

It-testi tat-tieni u tielet artikli tat-Trattat għandhom jiġu emendati u magħquda f'artiklu wieħed li għandu jissejjaħ artiklu "2" u jaqra kif ġej:

"Iż-żewġ pajjiżi jwiegħdu li ma jippermettux it-twaqqif ta' bażijiet militari barranin fuq it-territorji tagħhom u li ma jippermettux li dawn it-territorji jintużaw militarment kontra s-sigurtà u l-integrità territorjali tal-parti l-oħra.".

ARTIKLU (3)

Ir-raba' u l-ħames artikli tat-Trattat għandhom jingħaqdu f'test wieħed li għandu jissejjaħ artiklu "3" u għandu jaqra kif ġej:

"Iż-żewġ naħat jappoġġaw u jsaħħu l-koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi tagħhom f'diversi oqsma speċjalment fl-oqsma Ekonomiċi, Kummerċjali, tat-Tagħrif, Soċjali u Kulturali u f'dan il-kwadru iddeċidew dan li ġej:

A. Li jiżviluppaw koperazzjoni fl-oqsma ta' *joint ventures*, bdil kummerċjali bilanċjat, u fl-impiegi;

B. Li jiżviluppaw koperazzjoni fit-tagħrif u fil-kultura bil-għan li jissaħħu r-rabtiet bejn il-popli taż-żewġ pajjiżi;

Ċ. Il-ftehim kollu li ġie jew jiġi konkluż bejn iż-żewġ pajjiżi għandu jiġi meqjus bħala parti minn dan it-Trattat. Lista ta' Ftehim eżistenti tidher f'anness għal ma' dan it-test.".

ARTIKLU (4)

Is-sitt artiklu tat-Trattat għandu jiġi emendat u mqiegħed bħala artiklu "4" u jaqra kif ġej:

"Iż-żewġ naħat jagħmlu konsultazzjonijiet fuq kwistjonijiet politiċi u ekonomiċi internazzjonali li jolqtu l-interessi ta' naħa jew oħra minnhom, biex hekk ikun garantit il-benefiċċju reċiproku tagħhom u jseħħ il-għan ta' dan it-Trattat.".

ARTIKLU (5)

Id-disa' artiklu tat-Trattat għandu jiġi emendat u mqiegħed bħala artiklu "7" biex jaqra kif ġej:

"Kull differenzi li jistgħu jinqalgħu dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Trattat għandu jintlaħaq ftehim dwarhom amikevolment.".

ARTIKLU (6)

Waqt li l-artiklu "1" tat-Trattat jibqa' jżomm il-pożizzjoni tiegħu, l-artikli 7, 8, 10, 11 għandhom jiġu rranġati skond l-emendi miftehma dwarhom u għandhom rispettivament isiru: 5, 6, 8, 9.

ARTIKLU (7)

Dan il-Ftehim huwa suġġett għal ratifika skond il-proċeduri legali li huma applikabbli f'kull wieħed miż-żewġ pajjiżi, u jidħol fis-seħħ fid-data tal-bdil tad-dokumenti tar-ratifika u jsir minnufih parti integrali tat-Trattat ta' Ħbiberija u Koperazzjoni.

Magħmul f'Valletta fid-19 ta' Frar 1990 li tikkorrispondi għall-24 Rajab 1399 D.P. f'żewġ oriġinali, fl-ilsien Ingliż u fl-ilsien Għarbi, iż-żewġ testi awtentiċi ndaqs.

Għall-Gvern tar-Repubblika ta' Malta

Dr Edward Fenech Adami
Prim Ministru u Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' Malta

Għall-Ġemahirija l-Kbira Għarbija Libjana Popolari Soċjalista

Eng Jadallah Azzuz Al-Talhi
Segretarju tal-Kumitat Popolari ta' l-Uffiċċju Popolari għal Relazzjonijiet Barranin u Koperazzjoni Internazzjonali

ANNESS

Ftehim dwar koperazzjoni ekonomika, xjentifika u teknika ffirmat f'Valletta fil-31 ta' Mejju, 1968.

Ftehim kummerċjali ffirmat f'Valletta fil-31 ta' Mejju, 1968.

Ftehim dwar self iffirmat fi Tripoli, Awissu 1971.

Ftehim dwar visi ta' dħul u ħruġ iffirmat f'Valletta fid-9 ta' Lulju, 1972.

Ftehim kulturali ffirmat fi Tripoli fil-5 ta' Ottubru, 1972.

Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni ta' Kumpanniji kontraenti Maltin fl-eżekuzzjoni ta' proġetti ta' djar fil-Libja, iffirmat fi Tripoli fil-5 ta' Ottubru, 1972.

Ftehim għall-ħelsien mit-taxxa doppja dwar taxxi fuq l-*income* iffirmat fi Tripoli fil-5 ta' Ottubru, 1972.

Ftehim għall-inkoraġġiment tal-moviment ta' Kapital għall-Investiment iffirmat f'Valletta fit-8 tà' Frar, 1973.

Ftehim biex Malta tiġi fornuta b'żejt raffinat/grezz iffirmat fi Tripoli fit-28 ta' April, 1975.

Ftehim dwar it-twaqqif ta' *Holding Company* iffirmat fi Tripoli fid-19 ta' Mejju, 1975.

Ftehim dwar ix-xandir iffirmat f'Valletta fl-20 ta' Ġunju, 1975.

Ftehim dwar self iffirmat f'Valletta fid-29 ta' Lulju, 1975.

Ftehim speċjali għas-sottomissjoni lill-*International Court of Justice of Difference* iffirmat f'Valletta fit-23 ta' Mejju, 1976.

Ftehim dwar Xogħol iffirmat fi Tripoli fis-27 ta' Mejju, 1978.

Ftehim għat-twaqqif ta' kumpannija Maltija/Libjana għas-Sajd iffirmat fi Tripoli fis-17 ta' Lulju, 1978.

Ftehim dwar Koperazzjoni iffirmat f'Valletta fl-10 ta' Awissu, 1984 u l-emendi tiegħu ta' l-24 ta' Settembru, 1985 u t-30 ta' Marzu, 1988.

Ftehim dwar Koperazzjoni bejn il-Korporazzjoni Telemalta u l-*Libyan Jamahiriya Broadcasting* iffirmat f'Valletta fl-10 ta' Awissu, 1984.

Ftehim kummerċjali iffirmat fi Tripoli fid-19 ta' Diċembru, 1984.

Ftehim biex jiġu regolati servizzi ta' l-ajru *scheduled* bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom iffirmat fi Tripoli fil-15 ta' Jannar, 1985.

Ftehim dwar Koperazzjoni iffirmat f'Valletta fil-5 ta' Novembru, 1985.

Ftehim li jimplimenta l-Artiklu III tal-Ftehim Speċjali u d-Deċiżjoni ta' l-ICJ iffirmat f'Valletta fl-10 ta' Novembru, 1986.

Ftehim dwar is-Sigurtà Soċjali iffirmat f'Valletta fis-6 ta' Mejju, 1988.

Ftehim dwar it-twaqqif ta' *joint venture company* biex topera u tmexxi *supermarkets* fil-Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari Soċjalista iffirmat f'Valletta fit-28 ta' Ottubru, 1988.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 388 tad-19 ta' Ġunju, 1990.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati